**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 21 ta' Novembru, 2017

Rikors Guramentat numru : 254/16 AL

**L B**

**vs**

**Dr Christopher Chircop u Pl L Tufigno sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-assenti A D S**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni flimkien li minnha nhar l-10 ta' Mejju 2014 twieldet il-minuri M E S B u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid (Dok A);

2. Illi meta l-partijiet kienu ghadhom f'relazzjoni, l-intimat kien jirrisjedi mal-esponenti u l-minuri, flimkien mal-

genituri tal-esponenti; ghalkemm ghandu jinghad illi huwa frekwentement kien isiefer mill-Gzejjer Maltin bl-iskuza tax-xoghol;

3. Illi sakemm l-intimat kien jirrisjedi mal-esponenti u l-genituri taghha, huwa qatt ma mantna lill-minuri u fil-fatt kienet dejjem l-esponenti u n-nanniet materni li ghamlu tajjeb ghall-minuri M E;

4. Illi recentement, intemmet ir-relazzjoni tal-partijiet u l-intimat siefer lejn is-Saudi Arabia u halla warajh lill-esponenti u lill-minuri binthom;

5. Illi ghalkemm huwa xi kultant qed jikkomunika mal-esponenti bit-telefon, hija m'ghandhix hjiel tal-indirizz prezenti tieghu gewwa l-imsemmi pajjiz. Jinghad ukoll illi kull meta jilletikaw l-intimat qed jhedded lill-esponenti li meta jrid huwa jista' jigi ghall-minuri u jehodha mieghu;

6. Illi fil-mori tal-medjazzjoni, permezz ta' digriet tal-1 t'Awwissu 2016, l-esponenti giet fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri u giet anke awtorizzata sabiex tagixxi wahidha f'isem, u fl-ahjar interess, tal-minuri minghajr problemi u minghajr il-htiega ta' firem jew awtorizzazzjoni tal-intimat (Dok B);

7. Illi minn mindu l-partijiet infirdu l-intimat beda jivversa s-somma mensili ta' Eur 500 fix-xahar ghall-bzonnijiet tal-minuri;

8. Illi stante li l-intimat huwa assenti minn Malta u l-esponenti m'ghandhix hjiel ta' fejn jirrisjedi, il-medjazzjoni ma setghet qatt issehh u kien anke ghalhekk li fil-process ta' medjazzjoni inhatru l-kuraturi;

9. Illi l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi bir-rikors guramentat permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti, datat 17 ta' Gunju 2016, kif estiz ghal tliet xhur ohra, b'digriet iehor tas-6 t'Awwissu 2016;

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

1. Tikkonferma d-digriet tal-1 t'Awwissu 2016 u tafda, b'mod definittiv, il-kura u l-kustodja tal-minuri M E S B f'idejn ir-rikorrenti, b'dana illi d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe` dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno` ta' passaport, jittiehdu esklussivament minnha minghajr htiega tal-firma u/jew kunsens tal-intimat;

2. Tillikwida u tiffissa manteniment ghall-minuri fis-somma ta' Eur 500 fix-xahar u dan sakemm l-istess bint taghlaq it-tmintax-il sena jekk tiddeciedi li tieqaf mill-istudji taghha u tibda tahdem fuq bazi *full time,* jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk tiddeciedi li tkompli bl-istudji taghha fuq bazi *full time* u konsegwentement tordna lill-intimat sabiex ihallas il-manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dana flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-istess minuri;

3. Tordna li l-imsemmi manteniment jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;

4. Taghti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri, fl-ahjar interess tal-istess minuri;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Christopher Chircop u il-PL L Tufigno, li permezz taghha eccepew : (fol. 19)

1. Illi hija r-rikorrenti li ghandha l-piz tal-prova u cjoe illi trid tkun ir-rikorrenti li permezz tal-provi mressqa minnha tikkonvinci lil dina Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess rikorrenti qeghda taghmel fil-konfront tal-assenti intimat huma fondati.

2. Illi l-esponenti f'dan l-istadju jiddikjaraw li m'ghandhomx konoxxenza tal-fatti ta' dan il-kaz u ghaldaqstant qeghdin jirrizervaw id-dritt li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri jekk huma jsiru konoxxenti ta' fatti relatati ma dan il-kaz.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Christopher Chircop u il-PL L Tufigno;

Rat illi l-konvenut jinsab assenti minn Malta u li qiegħed jiġi debitament rappreżentat f'dawn il-proċeduri mill-Kuraturi Deputati maħtura għal dan l-iskop;

Rat illi minkejja li l-abbli kuratur ikkomunika mal-konvenut assenti fuq l-indirizz elettroniku regolari tiegħu[1], dana ma kkomunikax lura miegħu;

Rat l-affidavits tal-attriċi u tax-xhieda minnha prodotti;

Semgħet ix-xhieda tal-attriċi[2];

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat illi l-kawża ġiet differita għal-lum sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

[1] Fol. 45

[2] Fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2017, fol. 42

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-Qorti għandha quddiemha azzjoni fejn ir-rikorrenti qiegħda titlob li tiġi fdata esklussivament bil-kura u l-kustodja ta' bint il-partijiet ossia il-minuri M E S, imwielda fl-10 ta' Mejju 2014[3] u rikonoxxuta mill-intimat. Hija titlob ukoll li l-intimat jiġi ordnat iħallasha manteniment għall-minuri.

Rat illi *pendente lite* il-kwistjoni tal-kura u l-kustodja tal-minuri hija rregolata permezz ta' digriet ta' din il-Qorti datat l-1 t'Awwissu 2016, illi permezz tiegħu il-kura u l-kustodja tal-minuri ġiet afdata b'mod provviżorju lil L B[4].

## PROVI MIĠJUBA

Permezz tal-affidavit tagħha[5] l-**attriċi** spjegat kif hija kellha relazzjoni mal-konvenut assenti li minnha nqabdet tqila. Mill-bidu nett, kien evidenti li kellha tkun hi li taħseb għall-ħtiġijiet tat-tarbija, stante li l-konvenut assenti kien saħansitra ssuġġerilha li tagħmel abort. Tispjega li huwa kien Malta fuq xogħol b'kuntratt ta' sitt xhur. Illi meta skadew dawn is-sitt xhur, f'Novembru 2013, huwa baqa' jirrisjedi magħha u mal-familja tagħha mingħajr ma jikkontribwixxi xejn.

F'April 2014, huwa telaq fuq xogħol lejn il-Qatar, u meta xahar wara twieldet it-tifla M, huwa ma kienx preżenti u lanqas kien hawn Malta minkejja li kellu xogħol tajjeb u biżżejjed introjtu li jkun jista' jaffordja dan. Lanqas biss ċemplilha meta kienet għadha l-isptar. Minkejja li l-partijet baqgħu f'relazzjoni sa sentejn wara t-twelid tat-tifla, f'dawn is-sentejn huwa ġie Malta erba' darbiet biss u għax talbtu hi. Qatt ma wera interess partikolari fit-tifla u qatta ħin ta' kwalita` magħha. Lanqas kien jixtrilha xi rigal f'dawk l-okkażjonijiet rari li fihom iltaqa' ma' bintu. *"Moreover, whilst in Malta and whilst we were still in a relationship and living together, the little time he was here, he never lifted a finger with regards to nappy changing, feeding or*

[3] Ċertifikat tat-twelid tal-minuri jinsab esebit fol. 9 tal-proċess
[4] Fol. 13
[5] Fol. 26

*bathing her. Moreover, there was never physical contact with M – no hugs, no kisses, no I love you and no emotional bond whatsoever...”*

F'Ġunju 2016, il-relazzjoni tal-partijiet sfaxxat wara li l-attriċi kkonfrontatu li huwa kellu relazzjonijiet ma' nisa oħra. Huma kienu fuq btala f'Ċipru, u kien keċċa lill-attriċi u lill-minuri fil-5.00am mill-kamra tal-lukanda. Għalhekk hija biddlet it-titjira tagħha u ġiet lura Malta mal-ewwel titjira li sabet.

Minn dakinhar, il-konvenut qatt ma reġa ra lill-minuri. Huwa beda jgħaddilha manteniment ta' ħames mitt Ewro (€500)[6], għalkemm f'okkażjoni minnhom bagħat biss tliet mitt Ewro (€300). Xi drabi jkollha tfakkru u tinsiti miegħu fuq il-manteniment. Il-partijiet preżentement jikkomunikaw permezz tal-internet. Il-konvenut irrifjuta li jgħaddilha l-indirizz tiegħu u l-attriċi taf biss li jinsab jirrisjedi fis-Saudi Arabia.

Missier l-attriċi, **Joseph B**[7], ikkonferma li ftit qabel it-twelid tal-minuri M, il-konvenut kient telaq lejn il-Qatar fuq xogħol u m'għamilx l-arranġamenti biex ikun Malta għat-twelid tat-tarbija. Fil-fatt, l-attriċi kienet anzjuża minħabba l-fatt li huwa ma kienx magħha l-isptar u kellhom ikunu huma li jċemplulu sabiex jikkomunika magħha. Huwa xehed li kemm hu kif ukoll martu setgħu josservaw li ma kienx hemm bonding bejn il-missier u l-bint, fil-ftit żmien li kien Malta u fir-residenza tagħhom. “*After M's birth he was rarely present or in Malta at all, and was often away “on work” or so he told my daughter. He didn't contribute towards his daughter, and it was L, with our help, who took care of all of M's needs.*” Kemm ilhom il-partijiet li temmew ir-relazzjoni bejniethom, huwa qatt ma mar jara lil bintu u l-uniku involviment tiegħu huwa li jibgħat il-flus meta jiġi mfakkar.

Ħu l-attriċi, **Kris B**[8], xehed *“I realised that Alex took my sister for a ride and abused of my parents' kindness and hospitality. Alex ever showed any real interest in his daughter. He was not even beside my sister when she gave birth to her daughter...*

[6] L-attriċi esebiet statements bankarji in sostenn ta' dan, fol. 33.

[7] Affdavit esebit fol. 28

[8] Affidavit esebit fol. 32

*on the very few occasions where I had the oppotunity to meet him, he never showed any affection to his daughter – can't remember an occasion where I saw him playing with her, let alone hugging her. He was so detached from her...I also recall an instance during the baptism of M where during the ceremony in church, Alex seemed not to be taking the ceremony seriously and the priest even had to rebuke him for his behaviour!"*

PRINĊIPJI LEGALI

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli[9] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment*;"

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless[10], il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

---

[9] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP
[10] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858;

Illi ngħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet <u>John Cutajar vs. Amelia Cutajar et</u> [11] u <u>Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna</u>[12] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

Il-Qorti għaldaqstant, għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-konjuġi bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili[13]. Illi kif kellha l-okkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. *"Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata."*[14]

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa'

---

[11] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956;

[12] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP)

[13] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[14] <u>Frances Farrugia vs. Duncan Caruana</u>, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL)

bażikament l-istess: kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri.

Kif jaf kulħadd, meta l-Qorti tiġi biex tistabbilixxi manteniment, m'hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Iżda fl-artikolu 20 ta' l-istess Kapitolu insibu kif jitqies il-manteniment. Dan l-artikolu jaqra hekk:

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust.***

APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri M E, jirriżulta illi sa minn qabel it-twelid tagħha, il-konvenut ma wera ebda interess fit-

tarbija, pjuttost kien issuġġerixxa li t-tqala tiġi eliminata. Fit-twelid, ma kienx biswit is-sieħba tiegħu jassistiha u jilqa' lil bintu fid-dinja. Huwa għażel li jkun il-bogħod minnhom bl-iskuża tax-xogħol.

Il-Qorti tikkunsidra illi l-minuri, mit-twelid, dejjem ġiet ikkurata minn ommha l-attriċi bil-għajnuna tal-ġenituri tagħha. Ir-responsabilita` għall-għixien u t-trobbija tal-minuri dejjem waqgħu fuq l-omm, anke tenut kont illi l-konvenut ftit li xejn kien jinsab hawn Malta. Meta kien ikun hawn Malta, wera ruħu distakkat mit-tifla u ma kienx hemm ir-rapport mistenni bejn missier u bint. Kemm ilhom li l-partijiet temmew ir-relazzjoni ta' bejniethom huwa ma fittixx li jżomm il-kuntatt magħha u li jinforma ruħu dwar l-iżvilupp tagħha. Għalhekk jirriżulta li l-konvenut la qatt kellu u lanqas għandu interess fil-minuri u konsegwentement il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex tilqa' t-talba tal-attriċi li l-kura u l-kustodja tal-minuri M E tkun unikament u esklussivament afdata lil ommha.

Dwar il-manteniment, il-Qorti tirrileva illi almenu f'dan l-aspett il-konvenut m'huwiex jonqos lill-minuri iżda qiegħed jieħu ħsieb li jgħaddi lill-attriċi manteniment xieraq għall-minuri ta' ħames mitt Ewro (€500) fix-xahar. Illi minkejja li ma nġibitx prova dwar l-introjtu tiegħu, il-Qorti tifhem li huwa għandu introjtu sostanzjali mill-impjieg tiegħu fis-Saudi Arabia u li għalhekk għandu l-mezzi biex jibqa' jivversa il-manteniment f'dan l-ammont.

L-attriċi titlob ukoll illi l-konvenut ikun ordnat iħallas ukoll nofs l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni tal-minuri. Il-Qorti tqis illi ma nġibitx prova suffiċjenti dwar l-ispejjeż ġja nkorsi għall-edukazzjoni tat-tifla, u dan jista' jkun riżultat tal-eta` tenera tal-minuri fejn għadha ma laħħqitx l-eta` tal-edukazzjoni obbligatorja. Lanqas ma nġiebet prova dwar l-ispejjeż relatati mas-saħħa tal-minuri. Il-Qorti qiegħda tqis illi fiċ-ċirkostanzi fejn il-konvenut ibiddel il-pajjiż ta' residenza tiegħu frekwentement, m'hemmx komunikazzjoni aperta u regolari bejn il-partijiet, ikun aħjar għall-minuri, li l-ispejjeż għas-saħħa u l-edukazzjoni jkunu likwidati f'ammont mensili li jitħallas regolarment flimkien mal-ħlas tal-manteniment. Il-Qorti ma tarax kif il-partijiet jistgħu ta'

sikwit jiskambjaw riċevuti sabiex l-attriċi tkun tista' tirkupra nofs l-ispejjeż inkorsi għall-minuri. Ikun aħjar illi fiċ-ċirkostanzi tkun stabbilita somma mensili sabiex tkopri dawn l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni.

Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda tordna lill-konvenut assenti sabiex iħallas lill-attriċi kull xahar is-somma ta' seba' mitt Ewro (€700) liema somma tkun tinkludi l-manteniment tal-minuri u sehemu mill-ispejjeż kollha inkorsi għall-edukazzjoni tagħha u għal saħħitha inkluż l-ispejjeż dentali u għall-kura tal-vista tagħha u wkoll l-ispejjeż għall-attivitajiet extra-kurrikulari kemm ordinarji kif ukoll straordinarji. Kull tliet snin mid-data tal-preżenti, dan l-ammont jiżdied fuq dak imħallas fit-tliet snin preċedenti, bir-rata ta' għaxra fil-mija (10%) għal kull awment. Dan il-manteniment jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jista' jipperċepixxi l-konvenut u jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Iżda fl-eventwalita` li bint il-partijiet tibqa' tistudja, fuq bażi *full-time*, wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm it-tifla tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *children's allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi.

## DEĊIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u konsegwentement:

1. **tiddikjara li l-kura u l-kustodja tal-minuri M E S, imwielda fl-10 ta' Mejju 2014, qed tiġi fdata unikament u esklussivament f'idejn ommha ir-rikorrenti L B**, b'dana illi kwalsiasi deċiżjoni (kemm ordinarja kif ukoll straordinarja) rigwardanti saħħa, edukazzjoni, reliġjon, trobbija, safar tal-minuri, inkluż ħruġ u/jew tiġdid tal-passaport tal-minuri u b'mod ġenerali kull deċiżjoni oħra

rigwardanti l-minuri għandha tittieħed mir-rikorrenti weħidha mingħajr il-bżonn tal-awtorizazzjoni u/jew il-kunsens tal-intimat;

2. **tordna lill-konvenut assenti sabiex iħallas lill-attriċi kull xahar is-somma ta' seba' mitt Ewro (€700)** liema somma tinkludi l-manteniment tal-minuri u wkoll sehemu mill-ispejjeż kollha inkorsi għall-edukazzjoni tagħha u għal saħħitha, inkluż l-ispejjeż dentali u għall-kura tal-vista tagħha u wkoll l-ispejjeż għall-attivitajiet extra-kurrikulari kemm ordinarji kif ukoll straordinarji. Kull tliet snin mid-data tal-preżenti, dan l-ammont jiżdied fuq dak imħallas fit-tliet snin preċedenti, bir-rata ta' għaxra fil-mija (10%) għal kull awment. Il-konvenut assenti qiegħed jiġi ordnat iħallas lill-attriċi dan l-awment hawnhekk stipulat. Dan il-manteniment jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jista' jipperċepixxi l-konvenut u jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Iżda fl-eventwalita` li bint il-partijiet tibqa' tistudja, fuq bażi *full-time*, wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm it-tifla tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *children's allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut assenti, b'dana illi l-attriċi għandha provviżorjament tħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.